Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 41**

**Data:** It-Tnejn, 26 ta' Mejju 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**41.1 Ittri ta' apoloġiji**

41.1.1 Il-President semma li s-Sur Sandro Azzopardi, u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati.

41.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**41.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 40**

41.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

41.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**41.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 41**

41.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' 23 t' April u s-26 ta' Mejju 2025 li kienet tammonta għal €62,705.50.

**41.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 40**

| | |
|---|---|
| **41.4.1 ALL Digital Summit** | Il-President semma li kienet għadha qed issir laqgħa kull ħmistax li fiha kienu qed jiġu ddentifikati panel speakers kif ukoll key note speakers kemm minn Malta kif ukoll minn pajjiżi oħrajn.<br>Il-President semma wkoll li l-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Ewropa ser tkun preżenti għal dan is-summit kif ukoll ser tkun qed torganizza workshop. |
| **41.4.4 Postijiet Vakanti - AKL** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser toħroġ sejħa għal-International Affaris and EU Projects. Semma li din kienet ġiet approvata mill-Ministru u li kien qed jistenna l-approvazzjoni ta' Dipartiment sakemm toħroġ is-sejħa. Il-President semma li m' għandux ikun hemm problemi sabiex din tkun approvata għaliex hija fuq l-istess binjari li fuqhom ħarġu s-sejħiet tal-uffiċjali maniġerjali tar-Reġjuni. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**41.4.7 Tribunali Lokali**

Il-President semma li jidher li ser ikun hemm xi aġġornamenti fi żmien 5 ġimgħat.

**41.5 Komunikazzjoni mill-President**

**41.5.1 Laqgħa tas-Sindki Novembru 2024**

Il-President semma li huwa kien dar ir-Reġjuni u fejn ma marx personali, talab lil President igibhom ghall-attenzjoni tas-Sindki tiegħ. Saru xi noti addizzjonali fejn kien hemm sindki li ma kienux prezenti ghall-laqgha u xtaqu jinkludhom. Il-laqgħa kienet saret f' Novembru u għaldaqstant id-dokumenti kien finalizzat u intbgħat għall-istampar.

**41.5.2 Identita' Malta**

Il-President semma li talab laqgħa ma' Identita' Malta sabiex ikunu diskussi r-raġunijiet għaliex wara li inġabret l-informazzjoni ta' liema huma l-Kunsilli Lokali li kineu lesti li jagħtu servizz għal tqassim ta' Karti tal-Identita' u għal xi raġuni jew oħra dan is-Servizz għadda lis-Servizz.gov.

**41.5.3 Ħlasijiet ta' Kontijiet tal-ARMS**

Il-President semma li kien għadda d-dettalji tal-Kunsilli li wrew intress. Semma wkoll li kienet ser issir laqgħa ta' informazzjoni għal dawk il-Kunsilli li riedu joffru s-servizz.

**41.5.4 Laqgħa mal-Ombudsman**

Il-President semma li kien attenda għal-laqgħa rigward il-ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali fejn għal-laqgħa kien hemm mistiedna wkoll rappreżentanti ta' Transport Malta, LESA u anki DLG. Semma li jrid ikun hemm data sharing minn TM fejn id-DLG jrid jara kif ser jintegra kollox f' sistema għall-Kunsilli Lokali. Is-suġġeriment tal-Assoċjazzjoni li meta jinħareġ permess fi triq parikolari għal lifter jew għeluq ta triq, jintbgħat lir-residenti kollha ta' dik it-triq, ġie milqugħ u aċċettat. Issa rridu naraw kif ser titħaddem is-sistema.

**41.5.5 Arloġġi ta' Dawl Temporanji - Gabbani**

Il-President semma li wara sensiela ta' laqgħat kienet ser tinbidel il-proċedura, fejn l-ARMS ser ikunu qed jitolbu No Objection mill-Kunsill qabel ma' joħorġu l-permessi ta' dawn l-arloġġi. Is-Sur Max Zammit semma li wieħed għandu jara li l-Avviżi Legali kollha li huma relatati għandu ikunu studjati aktar fid-dettal. Il-President qal li l-ftehim verabli ma' ARMS u Enemalta huwa li t-tim legali se jdur dawn il-legal notices u nerġgħu niltaqgħu.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**41.5.6 Human Rights Directorate**

Il-President semma li kienu għadhom għaddejjin il-laqgħat mad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem flimkien mar-Reġjuni rigward l-Istrateġija għall-Integrazzjoni 2030.

**41.5.7 Swieq fil-Beraħ**

Il-President semma li kien ser jerġa' jintbgħat komunikat lir-rappreżentanti li inkarigati mis-swieq fil-beraħ peress li jidher li reġa' hemm il-problemi f' ċerti swieq. Issemma fost l-oħrajn is-suq taż-Żurrieq, fejn qed tintalab rilokazzjoni ta' ftit metri sabiex ikun hemm aktar sigurta u mmaniġġjar ta' traffiku aħjar.

**41.5.8 Timed Parking Scheme**

Il-President semma li l-AKL kienet baqgħet tinsisti sabiex jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet minnufih mal-Awtorita' ta' Transport.

**41.5.9 Duke of Edinburgh's International Award**

Il-President semma li kien hemm laqgħa ma' rappareżentanti ta' dawn l-award lil żgħażagħ li jkunu jridu jġibu kwalifika fl-livell MQF Level 2 jew 3 bħala xogħol fil-komunita', tgħaliem ta' ħiliet ġodda kif ukoll avventura. Kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni terġa' tagħmel laqgħa sabiex iġġib iktar dettaljji speċjalment dawk li jirrigwardjaw miżati.

**41.5.10 Prime Minister Scuola**

Il-President semma li wara l-AKL ipparteċipat f' workshops organizzat minn DYPALL ġewwa Braga, l-Assoċjazzjoni kienet għamlet kuntatt ma' din l-iskola li tofri esperjenza li tfajjliet sabiex jiksbu ħiliet f' dawk li huma leadership, public speaking u anki tati esperjenzi varji sabiexil-parteċipanti jħossuhom komdi jipparteċipaw b' mod attiv fil-ħajja pubblika politika.
Kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni tikkomunika ma' din l-Għaqda sabiex tikseb iktar informazzjoni kif wieħed jista' jikkolabora aħjar u anki juża l-mudell tagħhom li huwa mifrus ma' diversi reġjuni ġewwa l-Italja.

**41.5.11 Konfernza URBACT**

Il-President fakkar li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienu ser jorganizza konferenza fuq il-fond URBACT. Semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tibgħat rappreżentant.

**41.5.12 Konferenza tal-Kunsill tal-Ewropa ġewwa Malta**

Il-President semma li nhar 12 u 13 ta' Ġunju d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienet ser torganizza konferenza ġewwa Għawdex. Semma li ftit ijlu kien infurmat wara li intbgħatet lijlu Aġenda ta' l-istess attivita' li huwa kien ser ikun fuq panel. Semma li f' dawk il-jiem l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun Bologna minħabba l-Waste Management Europe expo.
Il-President talab jekk hemmx xi ħadd inressat li jkun panel fuq l-irwol attiv tal-mara fil-politka. Minn dawk preżenti ħadd ma

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

xtaq jagħmel dan u għaldaqstant, il-President informa li kien ser jara jistax imur xi ħadd mill-Membri jew Sostiuti li hemm fid-delegazzjoni.

**41.5.13 Taħriġ ħaddiema skala 16**

Il-President semma li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-MCAST sabiex jibda l-kors għall-ħaddiema klerikali fi skala 16. Semma li dan ser jiġi jiswa madwar €1000 kull applikant u li l-Assoċjazzjoni kienet ser tagħti persentaġġ rebate. Semmew ukoll li dan it-taħriġ ser isir waqt il-ħin tax-xogħol. Huwa qal li issa jittama' li l-Kunsilli Loakli jagħrfu din il-ħtieġa u dawk milquta, ma jsibux diffikulta sabiex jibgħtu lill-impjegati tagħhom li qegħdin f' din l-iskala.

Semma li dan ser ikun kors akkreditat MQF Level 3.

**41.5.14 Smart City World Expo Congress**

Il-President semma li kien sar ftehim ma' l-istess kungress sabiex l-Assoċjazzjoni tkun kollaboratur u tkun tista' iġġib benefiċji għall-Kunsilli Lokali Maltin sabiex jattendu dan il-kungress. Bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet u aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

**41.5.15 Ambaxxatur Malti għal Kuwait**

Il-President semma li kienet saret laqgħa u kienu għadhom qed jaraw kif jistgħu jikkollaboraw mar-Reġjuni.

**41.5.16 Taħriġ ta' ICT**

Il-President semma li kien ser jingħata kors ta' taħriġ lill-istudenta li ġiet tagħmel placement mal-Assoċjazzjoni peress li kienet qed tagmel programm ma' Aġenzija Żgħażagħ.

**41.5.17 Rotta tal-Feniċi**

Il-President semma li kien tkellem mas-sur Karsten Xuereb sabiex jipproponi proġett fuq is-suġġett. Is-Sur Xuereb kien bgħat r-rotta ta' fejn jinstabu fdalijiet ta' Żmien il-Feniċi f' Malta.

**41.5.18 Taħriġ fuq Integrita' u Etika**

Il-President semma li s-Segretarji Eżekuttivi kienu ntbgħatu taħriġ IPS li huwa mandatorju fuq l-integrita' u l-etika.

**41.5.19 Komunikazzjoni Doninu**

Il-President semma li rċieva kommunikazzjoni minn Doninu Malta rigward diskriminazzjoni lejn din l-għaqda mill-Kunsilli Lokali għaliex ma mhix reġistrata bħala Għaqda Volontarja.
Il-President bi qbil ma' dawk preżenti semma li jħoss l-AKL m' għandiex tidħol fiha.

**41.5.20 TIPS4UA**

Il-President semma li kienu għaddejjin il-preparamenti u kien qed jitfassal il-programm.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **41.5.21 ELoGE** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet applikat għal EloGE wara li Malta kienet ijlha ma tapplika sabiex tkun akkreditata li tista' tagħti l-award lill-Kunsilli Lokali għal tul dawn l-aħħar snin. Semma wkoll li dan wara l-AKL kienet speċifikament staqsiet lid-Diviżjoni tistax tipparteċipa fl-EloGE b' mod aktar attiv u r-risposta mid-Diviżjoni kienet li l-AKL ma setatx tapplika. Semma li wara diskussjonijiet li kellna fi Strabourg, ħareġ ċar li l-Assoċjazzjoni setgħet tissottometti l-applikazzjoni tagħha. |
| **41.5.22 DYPALL Network** | Il-President semma li s-Segrtarju Eżekuttiv attend għal PBA organizzat minn DYPALL rigward l-parteċpazzjoni taż-żgħażagħ fil-qasam tal-gvern lokali. Semma li dan sewa sabiex jibdew jinkitbu aktra proġetti ma' partners li iltqajna magħhom f' dawn il-jiem. |
| **41.5.23 AUC Ukraine** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċiviet komunikazzjoni mill-AUC bħala ringrazzjament lill-AKL tal-organizazzjoni tas-Summer Camp. |
| **41.5.24 SAGE** | Il-President semma li kien ser jibda l-kors f' livell MQF 3. |
| **41.5.25 Eko-Skola** | Il-President semma li l-Eko Skola Awards kienu ser ikunu evalwati nhar 19 ta' Ġunju u li għal din l-evalwazzjoni l-AKL ser tkun rappreżenatta mill-Uffiċjali Reġjonali Maniġerjali tal-Ambjent u l-Immaniġġjar tal-Iskart.<br>Semma li d-data għal-Eko Skola awards hija nhar 7 ta' Novembru 2025. Semma li l-Assoċjazzjoni qed tiġbor kwotazzjonijiet sabiex tingħażel is-sala. |
| **41.5.26 Komunikazzjoni lid-Direttur Ġenerali rigward l-ispiża tal-fatturi tar-rejects** | Il-President semma li b' reazzjoni għal dak li kien wieġeb id-Direttur għal xi komunikazzjonijiet mibgħutha mir-reġjuni. Sema li bħala l-AKL u Reġjuni dejjem kien hemm oppożizzjoni għal dawn il-fatturi ladarba r-reġjun m' għandux sistema ta' infurzar. Semma wkoll li skond id-Direttur r-rimborż mid-Diviżjoni għar-reġjuni tkopri biss l-invoices tas-sena 2024 mingħajr dawk ta' 2023. Semma wkoll li r-rimborż iħalli barra treatment fee li hemm madwar €20,000 f' sena. Semma li skond id-Direttur dawn ser jitħallew barra minħabba li dawn għad iridu jibdew diskussjonijiet mal-RPOs fuqhom. Semma li r-Reġjuni għandhom jikkunsidraw li jiddeċiedu li: jew iħallsu mill-fondi tar-Reġjun, jew jibgħatu l-fondi lura lid-Diviżjoni sakemm jingħataw ir-rimborż kollu jew jagħmlu talba konġunta lill-Ministru tal-Finanzi. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Il-President semma li minkejja li l-AKL ippruvat tikkuntatja lil min qed jieħu ħsieb il-konsultazzjoni min-naħa tal-Ministeru ta' Transport, l-AKL baqgħet mingħajr risposta.

**41.5.27 Proposta Ġbir ta' Skart matul il-Lejl**

L-Eżekuttiv wrew it-tħassib tagħhom li minkejja li din il-proposta ħarġet u qed tissemma sikwiet fl-aħbarijiet jidher li ħadd għadu ma konsulta la mar-Reġjuni u lanqas mal-kuntratturi. Kien hemm qbil li l-Presidenti Reġjonali flimkien mal-AKL joħorġu ittra konġunta f' dan ir-rigward.

**41.5.28 LESA Enforcement Scheme**

Il-President semma li l-AKL qed tagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-fatturi kollha mir-Reġjuni u qed tiċċekja l-fatturi li jaqblu mal-ammont li r-Reġjun qed jiddikjara li uża mill-iskema. Semma li fondi li baqgħu ma jintużawx kienu ser jgħaddu mir-Reġjun lura għand l-Assoċjazzjoni u jintbgħatu l-LESA. B' hekk l-Mou li kien iffirmat is-sena li għaddiet, issa m'għadux fis-seħħ, ukoll għaliex issa skada fl-aħħar ta' Mejju 2025.
Dawk preżenti semmew ukoll li milli jidher il-fondi għal sena oħra huma disponibbli imma jidher li l-iskema ser tkun immaniġjata mill-Kunsill Malti għall-Arti.

**41.5.29 Expo Servizz pubbliku**

Il-President u anki dawk preżenti rrimarkaw li diversi kunsilliera staqsew kif l-Kunsilli Lokali ma kellhomx stand fejn setgħu jiġu rappreżentanti kif suppost anki bil-proġetti li kunsilli qed jagħmlu fil-lokalitajiet. Il-President b' dispjaċir qal li r-risposta li ħadet l-Assoċjazzjoni kienet li l-AKL ma tatiex servizz lir-residenti u għaldaqstant ma setatx tipparteċipa fl-Expo. Semma li din ir-risposta ngħatat lill-AKL mill-Uffiċju tas-Segretraju Prinċipali Permanenti. Semmew li wieħed jistaqsi jekk ma ngaħtux servizz lir-residenti lil min qed ngħatuh u mela kif għadna s-Segretarji Eżekuttivi li huma uffiċjali pubbliċi.

**41.5.30 CEMR**

Il-President semma li l-AKL kienet ser tattendi Leaders Summit ġewwa Oslo kif ukoll tippreżenta Leaders Summit u Policy Committee li ser issir ġewwa Malta f' Diċembru. Ser tiġi preżentata concept note ghal programm li jrid isir f' Malta f' Diċembru li ġej.

**41.5.31 Rillu Merillu**

Il-President semma li l-mascot kien mar fl-iskola primarja ta' Raħal Ġdid fuq talba tal-Kunsill.
Semma wkoll li qed jinkitbu l-kotba tal-qari.

**41.5.32 Għamara tal-**

Il-President semma li fil-ġimgħat li ġejjien kienet ġejja xi

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Uffiċju**

għamara tal-kurutur minħabba l-bżonn ta' cupboards kif ukoll uffiċju ieħor.

**41.5.33 Teambuilding Event**

Il-President issuġġerixxa li minħabba li tnaqsu ħafna attivitajiet peress li ser ikun qed isiru s-Summit u anki l-expo tajjeb li wieħed iżomm kuntatt mal-Kunsilliera u forsi wieħed jikkunsira li jiġi organizzat xi tip ta' teambuilding għas-sajf.

**41.5.34 Proposta Reġjun Lvant**

Il-President semma li r-Reġjun l-Lvant ser ikun co-host ta' jumejn konferenza ta' SEDEC mill-Kumitat tar-Reġjuni. Semma li din ser tkun mis-16 sa s-17 ta' Ġunju 2025. Filwaqt li s-Sur Chircop għamel stedina lill-Eżekuttiv sabiex jattendu.
Il-President semma li konferenza ta' din il-livell tinvolvi wkoll ħafna spejjeż u minħabba li l-Assoċjazzjoni ser ikun qed ikollha booth ta' informazzjoni għal min jattendi, il-President propona li l-AKL tati lir-Reġjun €5000 sabiex tikkollabora mar-Reġjun parti mill-ispejjeż. Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella l-Eżekuttiv approva.

**41.5.35 Ittra lill-Kummissjoni Elettorali u ittra oħra lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, NAO u ANSEK.**

Il-President semma li b' reazzjoni għal dawn l-aħħar jiem u kif żvolġew iċ-ċirkustanzi fil-Kunsill tal-Għargħur. Semma li l-AKL għandha r-responsabbilita' li tissalvagwardja nuqqasijiet amministrattiv u li dawn ma jinġarux mill-politiku. Semma li dan qed jintqal b' mod ġenerali. Semma kif l-NAO għal snin sħaħ jagħmel ir-rimarki tiegħu fuq nuqqas ta' akkontabilita' finanzjarja u amministrattiva kif ukoll fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali hemm sezzjoni ddedikata għall-moniteraġġ u oħra għall-compliance. Semma li jidher li dawn ir-rapport ftit li xejn qed nagħtu kashom. Semma kif snin ijlu kien deċiż li sabiex l-prezz tas-servizz tal-Awditjar fuq il-Kunsilli jinżamm wieħed baxx, kien deċiż li d-Diviżjoni tagħmel l-Awditjar min-naħa tagħha fuq compliance filwaqt li l-Ufficcju tal-Awditur Ġenerali jagħmel dak finanzjarju. Jidher li dak amministrattiv mhux isir jew qed jieħu fit-tul hafna (anki snin) biex kunsill ikun imissu li jsir tiegħu. Dan qed iwassal biex jekk ikun hemm nuqqasijiet, dawn idumu ħafna ma jiġu infirizzati.
Semma li l-ittra li ntbgħatet lid-DLG, NAO u ANSEK fiha l-Assoċjazzjoni qed titlob li jkun hemm laqgħa bejn il-partijiet sabiex dak li jiġi rrimarkat fil-management letter wieħed jara li jiġi diskuss u anki fejn hemm nuqqassijiet amministrattivi dawn jinġarru mill-persuni rispettivi.
Semma li filwaqt li fl-ittra l-oħra lill-Kummissarju Elettorali talab li wieħed għandu jassigura mekkaniżmi li jkunu qed jiffunzjonaw u ma jinħolqux preċidenti. Qal li dan qed jingħad

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ukoll fi sfond tal-emendi elettorali li dwarhom kellha tibda diskussjoni Nazzjonali.
Is-Sur Steven Axisa semma li huwa jemmen lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għandha tidħol sabiex tara u timmitiga nuqqasijiet amministrattiv li jista' jkun hemm.
Is-Sur Jesmond Aquilina semma li wieħed għandu jara li qed jimxi mal-funzjonijiet stabbiliti mil-liġi. Semma wkoll li l-liġi tippermetti dak li sar ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Għargħur għaldaqstant wieħed għandu jassigura li l-liġi tkun mifhima tajjeb u tibqa' tiġi aġġronata.

**41.5.36 Penzjoni tas-Sindki**

Is-Sur Max Zammit semma li wieħed għandu jiddiskuti bis-serjeta' l-penzjoni tas-Sindki gax bħal donnu dan is-suġġett qatt ma jieħu l-importanza li tistħoqlu.
Il-President semma li kif kien diskuss f' laqgħat oħra inkluż il-laqgħa tas-Sindki din qiegħda waħda mill-proposti li saru fid-dokument tal-laqgħa tas-sindki.

**41.6 Aġġornament**

41.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u ħamsa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**